# Il-Barrieri Taż-Żonqor

**Kitba ta' Martin Formosa**

Jekk wieħed jiddeċiedi li jterraq erba' passi lajn Ħaġar Qim malajr jinduna li f'din ix-xaqliba hemm storja miktuba b'lingwa ġeblija u li l-bidu tagħha jmur lura eluf ta' snin. Biżżejjed tikkonsidra l-importanza tat-tempji megalitiċi li jsebbħu dawn l-inħawi li s'issa għadhom mhux mittiefsa mill-istuprar ta' l-ambjent li qed iseħħ fi żmienna. Għalina l-Qrendin ix-xena li tilqek hekk kif titla t-telgħa ta' Ħaġar Qim hija pjuttost familjari, imma għall-barranin li jżuru dawn l-inħawi bl-eluf hija sorpriża interessanti aktar w aktar meta tiġi spjegata l-istorja minn gwidi li jafu l-post bl-egħruq u x-xniexel.

Fortunatament nistqarr li kien ikun l-aqwa divertiment ta' tfuliti meta konna nerħula bil-mixi għall-Imnajdra sabiex nindukrawha daqs li kieku kienet proprjetà tal-familja. Dan għaliex sa mill-bidu tas-seklu l-ieħor il-familja t'ommi kienet ġiet inkarigata minn Sir Temi Zammit li kien kuratur tal-Mużewijiet sabiex jieħdu ħsieb ta' dan it-tempju. Ġużeppi Mifsud magħruf bħala tat-Tabibu n-nannu tiegħi kien jaħdem fuq is-Selvaġġ fil-barrieri taż-żonqor li jinsabu fix-xagħra magħrufa bħala ta' Liena li tibda min-naħa tal-Magħlaq sat-Torri ta' Lsejjen. Għalhekk kienet l-aktar ħaġa faċli li nannuwi jindokra dan it-tempju minn xi ħsarat li jsiru minn min iżuru.

L-istejjer li kont nisma' lin-nannu jirrepeti lil kull min jiltaqa' miegħu jibqgħu f'moħħi u huma kollha marbuta max-xogħol li kien iwettaq sabiex jinqata' l-blat taż-żonqor. F'din il-biċċa xagħra wieħed għadu jista' jsib diversi barrieri baxxi minn fejn kien jinqata' l-blat li hu ta' kwalita' tajba ħafna u li saħansitra fis-snin sebgħin kien anke ġibed l-attenzjoni ta' kumpanija li tipproduċi l-irħam. L-ismijiet tal-barrieri jinkludu Tal-Mejjieli, Ta' Gliedi, Tas-Sekonda, Fuq is-Selvaġġ, Ta' fejn l-Għar, Ta' fejn il-Girbeġġ u Ta' Qrib l-Imnajdra li b'kumbinazzjoni fiha kien waqa' ajruplan Junkers 88 li kien twaqqa' waqt air raid fl-1942 u li biċċiet minnu għadhom jinstagħbu fost il-blat.

F'dan ix-xogħol kienu jintużaw diversi għodod li jinkludu l-istampa, l-iskarpellina, il-pall, l-ispnejjer, il-kuċċarun, iċ-ċapep, il-mazza, l-imterrqa, bqaqen, l-iskorra u diversi skriepel msejħa rkaċċaturi. Il-qtugħ tal-blat kien isir bil-furnelli. Ix-xogħol tat-tħaffir tat-toqba tal-furnella kien isir kollu kemm hu bl-idejn billi tintuża biċċa azzar twila u bix-xifer msejħa stampa u b'daqqa wara l-oħra kienet titħaffer ħofra fonda madwar 4 piedi. It-trab kien jittella' permezz ta' kuċċarun speċjali u waqt it-tħaffir kien jintuża l-ilma. Din il-ħofra kienet timtela bil-porvli taċ-ċagħaq u tiġi ppressata b'biċċiet ta' xkejjer u bit-trab. Normalment kienu jiġu sparati waħda waħda u wara li tinqata l-biċċa blat din kienet tiġi mifruqa permezz ta' l-ispnejjer u l-mazza. Wara kien isir l-irfinar bl-imterrqa u bl-iskriepel u l-irkaċċaturi. Ta' min isemmi li kienu jiġu ħafna Għawdxin jaħdmu fil-barrieri u fost dan ix-xogħol kien isir it-tkissir taż-żrar permezz ta' mtieraq żgħar.



*Ġużeppi Mifsud (tat-Tabibu), Frenċ il-Bonċ miż-Żurrieq u Joseph Mifsud (Pripsa), waqt xogħol ta' qtugħ taż-żonqor.*

Il-blat kien jinġarr permezz tal-bgħula mill-burdnara fuq karettuni sodi. Fost ix-xogħolijiet li saru bil-blat li nqatgħu minn dan il-lok insibu l-*breakwater* tal-port il-Kbir, il-pedamenti ta' l-Isptar San Luqa, l-Baċiri tat-Tarzna u diversi xogħolijiet minuri oħra bħal kurduni ta' bankini. Il-kwalità ta' dan il-blat kien tant tajjeb li kien infittex ħafna u fil-fatt meta fl-1927 l-Gvernatur ta' Malta Sir Walter Congreve kien ġie midfun fil-biċċa baħar bejn l-Imnajdra u Filfla kien sar monument li jfakkar din il-ġrajja u li l-materjal użat kien l-istess żonqor li nqata' minn l-istess post.

Illum il-ġurnata wieħed għadu jista' jammira s-sengħa li biha kien jinqata' dan il-blat għaliex għadhom jidhru t-toqob tal-furnelli. Hija kurżità kbira kif kien jinqata' dan l-istess blat fi żmien il-Ħaġar għaliex għal min ma jafx l-Imnajdra hijn mibnija biż-żonqor fuq barra u bil-franka minn ġewwa. Għal kuntrarju Ħaġar Qim huwa mibni kollu kemm hu mill-franka. Dan jurina li n-nies ta' żmien il-Ħaġar kienu diġà apprezzaw il-kwalitajiet taż-żonqor u li dan hu aktar reżistenti mill-franka meta jintuża fil-bini. Ikun għajb kbir għalina li nitilfu s-sbuħija naturali ta' dan il-lok imfewwaħ bir-raxx tal-baħar fond u bir-riħa tas-saghtar u li żgur joffri storja u attrazzjoni mill-aqwa għal kull min iżur il-gżejjer tagħna.